**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum 18 ta' Marzu 2025

Kawża Nru: 531/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lianne Bonello)**

**vs**

**Nicola Winter**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata, Nicola Winter ta' 33 sena, bint Gio Maria Zammit u Donna Julie xebba Wyld, imwielda il-Pieta' nhar il-23 ta' Novembru 1982, residenti ġewwa l-fond "Sant Anna Flats", Flt. 2, Triq Sant Anna, Żebbiegħ, Limiti tal-Mġarr u detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 648682M:

*"Billi inti akkużat talli li f'dawn il-gżejjer, u/jew ġewwa fond "So Divine", Baystreet Shopping Complex, San Ġiljan, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bejn Settembru 2009 u Marzu 2012, fil-kapaċità tiegħu bħala "Shop Manager" mal-imsemmi negozju u ċioé "So Divine",*

1. *B'meżżi kontra il-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ*

*li jammonta għal aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000) għad-detriment ta' Marthese Abela, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 648682M, u dan ai termini ta' l-artikoli 308, 309, u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, ikkommettejt serq ta' valur li ammonta għal iktar minn mitejn u tmienja u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€238.94c), għad-dannu tal-istess Marthese Abela, u/jew persuni/kumpaniji oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-persuna, u dan ai termini ta' l-artikoli 267 u 268 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, appropjajt ruħek minn somma ta' flus li tammonta għal aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000) għad-dannu ta' Marthese Abela, u/jew persuni/kumpaniji oħra, liema approprjazzjoni sar minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek, u dan ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, għamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew bit-li daħlet dawn il-partijiet dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna li l-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li dan il-każ mexa l-quddiem u saru numru sostanzjali ta' seduti fejn il-prosekuzzjoni ressqet il-provi kollha dwar dan il-każ.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputata biex tiġi ġġudikata minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 261(a)(d), 267, 268, 279(b) u 280 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 183 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2021 inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ tagħha jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Rat illi waqt is-seduta ta' nhar is-6 ta' Frar 2025 il-prosekuzzjoni irtirat it-tieni akkuża jiġifieri dik dwar is-serq.

Rat li waqt l-istess seduta tal-llum, wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra l-imputata, hija ammettiet l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputata l-Qorti spjegat il-portata tal-ammissjoni lil-istess imputata. Spjegat ukoll lill-imputata il-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputata biex terġa jikkonsulta mal-avukat tagħha, u tatha wkoll żmien biex terġa tikkonsidra l-ammissjoni tagħha, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputata jekk hux qed tikkonferma l-ammissjoni tagħha, hija ikkonfermat l-ammissjoni.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużata, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssiba ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha, apparti ovvjament it-tieni imputazzjoni li ġiet irtirata mill-uffiċjal prosekutur, u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet konjizzjoni taċ-ċirkostanzi mqajjma mid-difiża dwar l-istat tal-imputata, fosthom il-koperazzjoni tal-imputata mal-prosekuzzjoni sa mill-bidu tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u l-fedina penali nadifa u netta tagħha.

Ikkunsidrat li l-parti leża ma kienx għad fadlilha nteress f'dawn il-proċeduri u dana peress li jidher illi l-partijiet issorvolaw id-divergenzi ta' bejniethom u saħansitra ntlaħaq ftehim bejn il-parti leża u l-imputata dwar ħlas, u dwar dan hija għandha tibbenifika minn riduzzjoni tal-piena bi grad ai termini tal-artikolu 337(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li dan il-każ seħħ madwar ħmistax (15) il-sena ilu. Minn dak iż-żmien l-imputata bniet familja, għandha żewġt itfal li hija fid-dmir trabbi bl-aħjar mod u bi prinċipji sodi, u minkejja li għaddiet minn żminijiet turbulenti f'ħajjitha kemm minħabba raġunijiet personali u li fl-opinjoni li ffurmat din il-Qorti komplew sawwru l-inkwiet tal-fatti li wasslu għal dawn il-proċeduri kif ukoll il-proċeduri innifishom, hija rnexxielha tegħleb l-isfidi u tkompli b'ħajjitha. L-imputata għandha impjieg fiss, u hija fdata mill-employer tagħha, u dan jippermetti qliegħ sabiex tmantni lilha innifisha u l-familja tagħha. Issir referenza għal indaġni tal-uffiċjal tal-probation li ħejjiet social enquiry report dwar l-imputata, li minkejja kollox huwa wieħed pożittiv u li jsaħħaħ it-teżi ta' din il-Qorti, kif ben spjegata ukoll mill abbli avukat difensur, anke bi qbil mal-uffiċjal prosekutur, li hemm bżonn ta' tisħiħ tal-istabbiltà li rnexxielha takkwista l-imputata f'ħajjitha.

Jingħad ukoll għal kompletezza dwar il-piena li l-artikoli 308, u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew emendati permezz tal-Att XXIV tal-2014 (Att tal-2014 li jemenda Diversi Liġijiet li jirrigwardaw materji kriminali (Emenda Nru. 2)). Il-piena applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi att fir- rigward tal-artikolu 308 kienet dik ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn filwaqt li l-artikolu 309 kien iġorr il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur. L-artikolu 310(1)(a) li huwa applikabbli fil-każ tal-llum kien jistipula l-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Illum il-ġurnata il-liġi tistabbilixxi pieni aktar ħarxa. Issa din il-Qorti se tapplika l-liġi l-aktar favorevoli, in ottemperanza mal-prinċipju li kull meta jkun hemm tibdil fir-reat mid-data tal-allegat għemil li ta' lok għal akkuża, sas-sentenza tal-Qorti, ċioé dik kif kienet fis-seħħ fiż-żmien l-imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Għar raġunijiet kif imfissra hawn fuq, fuq ammissjoni tal-imputata, wara li rat l-artikoli 17, 31, 308, 309 u 310(1)(a), 293 u 294, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputata Nicola Winter, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 648682M ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, u peress li l-Qorti hi tal-fehma li fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, u x-xorta tar-reat, u l-karattru tal-ħatja, m'huwiex spedjenti li twaħħal piena, u l-ordnijiet l-oħra fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex adatti, għaldaqstant l-Qorti tillibera lill-ħatja Nicola Winter, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 648682M bil-kondizzjoni li ma tagħmel ebda reat matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din l-ordni.

Il-Qorti qed twissi lill-ħatja bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk hija tikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Stante li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li ġew maħtura xi esperti tal-Qorti, għaldaqstant tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet skont l-artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM--------------------------------**